MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 879/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard C. Spiteri**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**MATTHEW ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MATTHEW ZAMMIT** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Carmelo u Pauline nee Zammit, imwieled Pieta nhar t-tlieta t'Ottubru 1986 u residenti Flat 9, Door C, Juno Flats, Triq Juno, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita numru 466286M kien gie mressaq quddiemha nhar s-sbatax ta' Settembru 2008 akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer nhar s-sebgha ta' Settembru 2008, f'xi hin bejn d-disgha w id-disgha w nofs ta' bil-lejl, minn gewwa l-fond maghruf bhala 'Sprache Café Complex, Pembroke, ikkommetta serq ta' *wallet* li

kien jikkontjeni tletin Euro fi flus kontanti u diversi dokumenti ohra kif wkoll telefon cellulari tal-marka Seimens ghal valur komplessiv ta’ inqas minn mitejn tlieta w tletin Euro ghad-dannu ta’ Raquel Fernandez Rodriguez, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin;

2. Talli kiser l-ordni tal-Qorti li ma jghamilx reat iehor fi zmien sentejn b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tlettax ta’ Settembru 2006, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH, fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 1 u kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta’ Settembru 2008, bhala Dok. CSH 2.

Kienet semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' dakinhar, d-disgha ta’ Settembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti kienet osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat kien wiegeb li hu hati, din l-Qorti kienet wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u kienet taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti kienet ghaddiet biex taghti kaz dik l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq dik l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti kienet iddikjarat li ma kellhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti kienet semghet wkoll lil Raquel Fernandez Rodriguez, l-allegata vittma, tiddikjara li giet misruqa ammont ta’ circa sittin Euro w iddikjarat li hi thallset ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghha mill-imputat odjern u li

minn dakinhar 'l quddiem ma kellha ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti kienet ikkunsidrat ai fini tal-piena:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali relattivament netta tal-imputat, salv ghal reat wiehed registrat fuqha li sehh fis-sena 2006, dwar attentat ta' serq meta kien inghata *conditional discharge*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputat kien hallas il-vittma ghas-saldu u li l-vittma ma kellha ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat;

4. L-ammont pjuttost negligibbli li kien insteraq u cioe sittin Euro.

Illi ghalhekk il-Qorti, wara li kienet rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet iddikjarat li kienet qed issib lil imputat MATTHEW ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet li tpoggih taht ordni ta' probation ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin minn dakinhar taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. li l-imputat kellu jibda u jkompli programm ta' rihabilitazzjoni;
2. li matul dak il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat, kellu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

3. li l-imputat kellu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;
4. li l-imputat kellu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;
5. li l-imputat kellu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.

Illi din l-Qorti kienet wkoll spjegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x’jigri jekk hu kellu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul dak l-perjodu ta’ tlett [3] snin.

Il-Qorti kienet wkoll ordnat ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ dik s-sentenza kellha tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dak l-ghan.

Il-Qorti kienet wkoll ordnat li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' dik s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment kellhom jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat r-rikors t’appell tal-Avukat Generali ppresentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar d-disgha w ghoxrin ta’ Settembru 2008 w is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta’ Dicembru 2008 fl-ismijiet premessi kif wkoll d-digriet taghha tat-tnejn w ghoxirn ta’ Dicembru 2008 fejn kienet appuntat din l-istess kawza mill-gdid ghas-smiegh ghal hmistax ta’ Jannar 2009.

Semghet nhar l-hmistax ta’ Jannar 2009 lil **Ray Grech** fil-kapacita tieghu ta’ Kap tad-Drug Rihabilitation gewwa l-agenzija Sedqa jikkonferma li lil imputat presenti fl-awla kien jafu. Zied jghid li l-imputat kien ilu tlett xhur ghandhom b’mod residenzjali, kien lesta l-fazi tal-

orjentazzjoni u fil-present miexi ghal fazi tal-formazzjoni w ghalhekk isir aktar xoghol fil-fond fuqu. Qal li baqghalu disgha xhur ohra maghhom u wara jibda s-semi residential phase. Qal li l-komportament tal-imputat hu tajjeb pero kien ghadu kmieni biex jghid aktar fuqu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' dakinhar, hmistax ta' Jannar 2009, kif jirrizulta mill-verbal relattiv.

Illi din il-Qorti reġghet ghal darb'ohra osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat rega' wiegeb li hu hati, din l-Qorti reġghet wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u reġghet taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu ghal darb'ohra li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din t-tieni l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq din l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil prosekuzzjoni u lil imputat jiddikjaraw fis-seduta tal-hmistax ta' Jannar 2009 li ghalkemm l-ewwel sentenza li nghatat fil-konfront tal-imputat odjern nhar d-disgha ta' Settembru 2008 inghatat minn din il-Qorti kif preseduta, m'ghandhomx oggezzjoni li dan il-kaz ikompli jinstemgha quddiem il-Magistrat Sedenti.

Ikkunsidrat:

Illi minn dak li xehed **Ray Grech**, il-Qorti hija tal-fehma li ghal darb'ohra ghandha tapplika l-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett (3) snin w ghalhekk l-Qorti qed tpoggi lil imputat taħt ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taħt s-segwenti kundizzjonijiet:

1. li l-imputat ghandu jibda u jispicca il-kors li beda ta' rihabilitazzjoni mas-Sedqa kontra l-abbuz mid-

droga u f'kaz li jabbanduna tali programm ghal xi raguni mputabbli lilu, jitqies li kiser din l-ordni ta' probation;
2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett (3) snin l-imputat igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
3. li l-imputat jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;
4. li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;
5. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha (4) xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.

**Illi pero dan qed jinghad ghar-raguni li l-akkuza ta' serq tirrizulta li hija aggravata bil-hin.**

**Dwar l-akkuza li l-imputat hu akkuzat biha u cioe li kkommetta reat fi zmien sentejn minn meta kien inghata s-sentenza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar t-tlettax ta' Settembru 2006, meta skond l-fedina penali esibita, l-imputat kien kiser il-provvediment ta' condition discharge moghti ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 261(f), 270 u 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat MATTHEW ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u dwar l-akkuza ta' serq aggravat bil-hin, tiddeciedi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mill lum u dwar l-akkuza li kkommetta reat waqt l-operat ta' conditional discharge, il-Qorti, wara li**

**tiddikjara li ssibu hati taghha, tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija w ghaxar (110) Euro.**

**Stante li l-imputat jinsab detenut gewwa San Blas fil-komunita ta' Santa Marija tas-Sedqa, il-Qorti taghti zmien lil imputat probation, erbgha (4) xhur sabiex ihallas l-multa fuqu mflitta llum.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin u l-imputat probationer iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Bernard C. Spiteri**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**MATTHEW ZAMMIT**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, …………………… 2009**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **MATTHEW ZAMMIT** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Carmelo u Pauline nee Zammit, imwieled Pieta nhar t-tlieta t'Ottubru 1986 u residenti Flat 9, Door C, Juno Flats, Triq Juno, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita numru 466286M **tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata MATTHEW ZAMMIT** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Carmelo u Pauline nee Zammit, imwieled Pieta nhar t-tlieta t'Ottubru 1986 u residenti Flat 9, Door C, Juno Flats, Triq Juno, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita numru 466286M **titqieghed taht ordni**

**ta' probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. li l-imputat ghandu jibda u jispicca il-kors li beda ta' rihabilitazzjoni mas-Sedqa kontra l-abbuz mid-droga u f'kaz li jabbanduna tali programm ghal xi raguni mputabbli lilu, jitqies li kiser din l-ordni ta' probation;
2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett (3) snin l-imputat igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
3. li l-imputat jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;
4. li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;
5. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha (4) xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………..
**……………………………..**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------